MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 489/2008

**Carmel sive Charles Micallef (Karta ta` Identita` Numru: 129745M)**

***kontra***

**Joseph Frederick Micallef (Karta ta` Identita` Numru: 529041M)**

**Il-Qorti :**

**I.** **<u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-13 ta` Mejju 2008 li jaqra hekk–

*1. Illi skont testament unica carta fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat tat-30 ta` Ottubru 1978 l-attur flimkien ma` hutu Edwin Micallef u l-intimat Joseph Frederick Micallef gie istitwit ko-eredi universali tal-assi ereditarji ta` ommu Antoinette Micallef nee Barbara li mietet fit-8 ta` Dicembru 1979.*

*2. Illi l-attur rikorrent huwa wkoll legittimarju fl-assi ereditarji ta` missieru Joseph Micallef maghruf ukoll bhala Micallef Inguanez skont testament fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat tas-26 ta` Gunju 1997. Joseph Micallef miet fit-2 ta` Marzu 2002.*

*3. Illi l-eredita` tal-mejtin Joseph u Antoinette Micallef ghadha ma gietx diviza u ghalhekk l-ahwa Carmelo sive Charles – rikorrent attur f`din il-kawza – Edwin u Joseph Frederick – intimat f`din il-kawza – ahwa Micallef ghadhom in komunjoni fl-assi kollha in kwistjoni.*

*4. Illi l-konvenut intimat, skont l-imsemmija testmenti, gie nominat esekutur testamentarju, fir-rigward kemm l-eredita` tal-omm kif ukoll dik tal-missier, u in kwantu dan, huwa pproceda quddiem is-Sekond`Awla tal-Qorti Civili, sabiex jigi mwettaq u konfermat esekuttur testamentarju.*

*5. Illi minhabba diversi rregolaritajiet kemm formali u kemm materjali li jigu ppruvati waqt is-smigh ta` din il-kawza, it-talba ghat-twettieq u konferma tal-intimat konvenut bhala esekutur testamentarju qatt ma saret u prova ta` dan huwa tentattiv ennessimu u ricenti sabiex dan isir.*

*6. Illi l-ligi tipprojbixxi espressament illi esekuttur testamentarju jindala fl-amministrazzjoni tal-assi qabel ma jigi mwettaq u konfermat mis-Sekond`Awla tal-Qorti Civili.*

*7. Illi sa mid-data tal-mewt tal-missier fit-2 ta` Marzu 2002 il-konvenut intimat ha l-pussess tal-proprjetajiet formanti parti mill-ereditajiet imsemmija u beda jamministrahom esklussivament hu u beda jamministra l-assi ereditarji l-ohra kollha u jircievi flus relatati mal-imsemmija assi u dan minghajr ma jaghti rendikont taghhom jew jiddepozitahom f`kont jew kontijiet komuni ghall-eredi kollha.*

*8. Illi sahansitra access ghall-proprjeta` immobiljari formanti parti mill-ereditajiet imsemmija inghata lill-attur rikorrent f`Novembru 2006 u dan wara li saru xi kawzi mill-istess attur rikorrent li effettivament kienu gew ceduti.*

*9. Illi fl-espletar tal-amministrazzjoni tal-fuq imsemmija assi ereditarji l-konvenut intimat b`mod ghal kollox abbuziv, illegali, b`negligenza u imperizja kkawza, qieghed jikkawza u sejjer ikompli jikkawza zvalutazzjoni ta` u deterjorament fil-valur tal-assi formanti parti mill-imsemmija ereditajiet tal-genituri u dan barra telf ta` imghaxijiet u telf ta` dhul mill-flejjes li jifformaw parti mill-imsemmija assi.*

*10. Illi wkoll fl-espletar minnu ta` din l-amministrazzjoni u b`mod partikolari fil-preparazzjoni u formazzjoni minnu tal-inventarju mehtieg skont il-ligi bhala parti mill-process ghall-konferma tieghu bhala esekutur testamentarju mis-Sekond`Awla tal-Qorti Civili, il-konvenut intimat ghamel dikjarazzjonijiet*

*skorretti u qarrieqa mirati sabiex jippregudika d-drittijiet ereditarji tal-attur rikorrent.*

*11. Illi oltre dan b`atti mirati sabiex xjentement u dolozament jippregudikaw l-interessi u d-drittijiet tal-attur rikorrent l-intimat konvenut ipprova jbiegh sehemu mill-eredita` tal-genituri tieghu b`mod izda li jissottoskrivi ghall-kundizzjonijiet li setghu u jistghu jiggravaw u jippregudikaw is-sehem il-mittienti.*

*12. Illi minkejja li l-attur rikorrent interpella lill-konvenut intimat sabiex jiddesisti minn dawk l-atti abbuzivi, illegali, negligenti, imprudenti, skorretti u qarrieqa u jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni kollha kawzati lill-attur rikorrent dan baqa` inadempjenti u ghalhekk l-attur rikorrent kien kostrett jistitwixxi dawn il-proceduri.*

*Ghalhekk l-esponenti rikorrenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha :*

*1. tiddikjara lill-konvenut intimat responsabbli ta` agir abbuziv u llegali, negligenti u mprudenti, skorrett u qarrieq fl-amministrazzjoni tal-assi ereditarji tal-genituri tieghu liema agir wassal u qieghed iwassal ghal telf u danni lill-esponent rikorrenti konsistenti fi zvalutazzjoni ta` u deterjorament fil-valur tal-assi formanti parti mill-imsemmija ereditajiet tal-genituri, barra telf ta` imghaxxijiet u telf ta` dhul mill-flejjes li jifformaw parti mill-imsemmija assi ereditarji;*

*2. tillikwida t-telf u d-danni kollha kkawzati u li qeghdin jigu kkawzati b`rizultat tal-agir abbuziv u llegali, negligenti u mprudenti, skorrett u*

*qarrieq da parti tal-intimat konvenut fil-konfront tal-esponent rikorrent u dan jekk ikun mehtieg ad opera ta` periti nominandi;*

*3. tikkundanna lill-konvenut intimat sabiex ihallas id-danni kollha hekk liwkidati.*

*Bl-imghaxijiet legali mid-data li jkunu saru t-telf u l-hsara tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali tat-22 ta` Frar 2008, kontra l-konvenut intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-27 ta` Jannar 2009 li taqra hekk –

*1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi din hija nfondata sija fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante illi l-esponenti dejjem mexa b`mod diligenti u in buona fede assoluta u li di piu` b`konservazzjoni u minghajr ma kkawza pregudizzju lill-attur. Di piu` l-esponenti ghamel biss atti minimi li zgur ma ppregudikawx id-drittijiet tal-attur. L-esponenti jichad li huwa ndahal fl-amministrazzjoni tal-assi ereditarji u jistqarr li ghamel biss dak li hu minimament mitlub minnu fil-ligi qua ezekutur testamentarju u dan skont il-ligi partikolarment l-Artikolu 769 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta kif ser jigi muri matul il-kawza.*

*2. Illi l-esponenti pprova kemm-il darba jiffinalizza l-process tal-ezekuterija tieghu izda kull darba kien isib ostakli mhux gustifikati min-naha tal-attur, kif fil-fatt rega` gara f`dawn l-ahhar xhur. Ghaldaqstant, l-esponenti mhux responsabbli ghal kwalunkwe danni jew deterjorament jew zvalutazzjoni tal-assi formanti parti mill-assi ereditarja.*

*3. Illi minghajr pregudizzju, ghaldaqstant isegwi illi t-tieni u t-tielet talbiet attrici ghandhom ukoll jigu michuda bl-ispejjez stante illi ma hemm l-ebda telf finanzjarju u li l-esponenti m`ghandu jhallas l-ebda telf finanzjarju.*

*4. Illi kif ser jigi muri fil-mori tal-kawza, dawn l-allegazzjonijiet pretizi mill-attur kienu l-mertu ta` zewg kawzi ohra istitwiti fl-2004 li huma l-kawza 174/05GCD u l-kawza 928/05JRM liema kawzi gew irtirati mill-attur stess.*

*5. Illi filwaqt illi hemm qbil fuq il-fatti li jinsabu f`paragrafi 1 sa 4 tar-rikors promotur, il-paragrafi l-ohra fl-istess rikors huma tentattiv iehor sabiex l-attur ikompli jivvessa lill-konvenut, u dan ghaliex l-attur kontinwament jaghmel minn kollox biex jistitwixxi proceduri u dan kif sahansitra jidher fit-testment ta` missieru Joseph Micallef Inguanez tad-19 ta` Settembru 1994 fl-Atti tan-Nutar Joseph Brincat, fejn it-testatur iddikjara hekk : "Billi iben it-testatur, Carmel sive Charles Micallef, sa minn dejjem jiddelitta u jattiva dawk il-poteri li taghtih il-ligi, akkost li t-testatur igeghlu jbati bla bzonn, specjalment wara l-mewt tal-mara tat-testatur, u billi dan iddikjara u esklama mal-istess testatur li huwa kien lest biex meta jigi l-waqt jaqta` mniehru biex jinki l-wiccu, u fil-fatt hekk ghamel hafna drabi, ghaldaqstant it-testatur qed ihallilu mhux aktar mil-legittima kempetenti bil-ligi,"*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti talab lill-attur jaghmel lista ta` affarijiet ossia assi illi fil-fehma tieghu jidhirlu li huma nieqsa*

*fl-inventarju b`kortesija pprezentat lilu ghall-approvazzjoni, jew ohrajn li jehtiegilhom korrezzjoni, u dan qabel ma jitkompla l-process tal-ezekuterija, izda l-attur ghazel it-triq tal-konfrontazzjoni u li ma jirrispondix sabiex johloq ostakli kontinwi.*

*7. Illi ghaldaqstant isegwi illil-allegazzjonijiet vantati mill-attur mhux biss huma inveritieri izda mod iehor sabiex jostakola kull tentattiv illi ssir id-divzjoni.*

*8. Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-23 ta` April 2009 fejn hatret lill-Assistent Gudizzjarju Av. Mariella Schembri Gonzi sabiex tisma` l-provi tal-partijiet.

Rat il-provi li lahqu ngabru mill-Assistent Gudizzjarju kif ukoll il-verbali tas-seduti li kienu kondotti mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-digriet illi tat fl-udjenza tat-18 ta` Jannar 2010 fejn issospendiet l-inkariku tal-Assistent Gudizzjarju, u fejn tatha ordni biex tirritorna l-process halli tkun il-Qorti stess li tkompli tisma` l-provi.

Semghet ix-xiehda ta` Jeanette Vella (Dipartiment tat-Tezor), ta` Marcel Bugeja (Qrati tal-Gustizzja), ta` Robert Sammut (Borza ta` Malta), ta` Audrey Ghigo (HSBC Bank Malta plc) u ta` Romwald Attard (Bank of Valletta plc) fl-udjenza tal-25 ta` Novembru 2010 u rat id-dokumenti li pprezentaw ix-xhieda.

Semghet ix-xiehda ta` Melissa Mamo (Borza ta` Malta) fl-udjenza tat-18 ta` April 2011 u rat id-dokumenti li pprezentat ix-xhud.

Semghet ix-xiehda ta` Ivan Portelli (Dipartiment tat-Taxxi Interni) fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2011 u rat id-dokument li pprezenta x-xhud.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur.

Rat in-nota b`dokument prezentat mill-attur fil-5 ta` Ottubru 2011.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenut.

Semghet ix-xiehda tal-Av. Dr. Duncan Borg Myatt fl-udjenza tal-4 ta` Frar 2013.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li saru mid-difensur tal-konvenut fl-udjenza tat-18 ta` Novembru 2013.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza tal-ahhar fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**<u>Jeanette Vella</u>** mid-Dipartiment tat-Tezor ghamlet riferenza ghal Dok JV1 sa Dok JV3. Xehdet illi l-mejta Antoinette Micallef nee Barbara ma kellha l-ebda investiment f`titoli ta` stocks tal-Gvern, waqt li l-mejjet Joseph Micallef Inguanez kellu stocks bis-6.7% li jiskadu fl-2004 ghall-ammont ta` Lm10,000 ; bis-7.25% li jiskadu fl-2006 ghall-ammont ta` Lm5,000 ; bis-7.5% li jiskadu fl-

2011 ghall-ammont ta` Lm7,000 ; bis-7.8% li jiskadu fl-2012 ghal Lm10,000 ; bis-7.8% li jiskadu fl-2013 ghas-somma ta` Lm2,000 ; bis-7.8% li jiskadu fl-2018 ghall-ammont ta` Lm2,000 ; bis-6.1% li jiskadu fl-2015 ghall-ammont ta` Lm20,000 ; bis-6.65% li jiskadu fl-2016 ghal Lm3,400 ; u bis-6.35% li jiskadu fl-2013 ghal Lm1500. Billi l-investimenti gew iffrizati meta saret in-notifika tal-mewt ta` Joseph Michallef Inguanez, hemm ukoll imghaxijiet pendenti li qeghdin jinzammu mit-Tezor li jammontaw ghal Lm140,017.17.

**Marcel Bugeja** mill-Qrati tal-Gustizzja pprezenta erbgha (4) gabriet ta` dokumenti li jirreferu ghal Rik. Nru. 517/2005 (Dok MB1) ; Rik. Nru. 1257/2003 (Dok MB2) ; Rik. Nru. 259/2005 (Dok MB3) u Rik. Nru. 720/2007 (Dok MB4).

**Melissa Mamo** mill-Borza ta` Malta xehed illi Antonia Micallef ma kellhiex holdings registrati mal-Borza ta` Malta. Joseph Micallef Inguanez kellu xi holdings li whud minnhom kienu redeemed, u ohrajn kienu ghadhom fis-sehh. Ipprezentat Dok MM1 u MM2. Dwar Dok MM2 qalet illi meta persuna tmut, l-imghax li jkun qed jakkumula fuq l-istocks jinzamm mit-Tezor biex eventwalment jigi likwidat meta l-eredi tal-mejjet jaghmlu l-claim. Ghar-rigward tal-kapital, dan jigi likwidat meta jaghlaq il-holding. Xehdet illi ma kien hemm l-ebda istruzzjonijiet da parti mill-eredi. Dwar Dok MM1, kull fejn hemm il-kelma "redeemed" ifisser li l-holding ikun issarraf, u l-kapital ikun mar ghand il-kumpannija li tirrapprezenta dak il-holding.

**Audrey Ghigo** mill-HSBC Bank Malta plc xehdet illi Joseph Micallef Inguanez u Antoinette Micallef ma kellhomx kontijiet bankarji maghhom.

**Romwald Attard** mill-Bank of Valletta plc xehed li Antoinette Micallef ma kellhiex kontijiet maghhom waqt li Joseph Micallef Inguanez kellu tlett kontijiet. Ipprezenta l-statements minn Dok RA` sa RA3.

**Ivan Portelli** mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni pprezenta kopja tad-denunzja tas-successjoni ta` Antoinette Micallef nee Barbara, karta ta` identita numru 474651(M) li mietet fit-8 ta` Dicembru 1979 (Dok CIR 1).

**L-attur** xehed illi ommu Antoinete Micallef mieiet fit-8 ta` Dicembru 1979 waqt li missieru Joseph Micallef Inguanez miet fit-2 ta` Marzu 2002. Saru tliet testmenti : 1) testment *unica charta* fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat tat-30 ta` Ottobru 1978 fejn it-tliet ahwa u cioe` l-partijiet u huhom Edwin Micallef kienu istitwiti bhala eredi universali bil-konvenut nominat bhala ezekutur testamentarju; 2) testment iehor fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat tas-26 ta` Gunju 1997 fejn missieru rega` nnomina lill-konvenut bhala ezekutur testamentarju, halla lill-konvenut u lil Edwin Micallef bhala eredi u lilu hallielu l-legittima ; u 3) testment iehor fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat tat-13 ta` Mejju 1999 fejn ghamel xi legati favur il-konvenut.

Jixhed illi mill-mewt ta` missieru sa erbgha snin u nofs wara, il-konvenut zamm esklussivament ghalih u ma tahx access liberu ghal proprjetajiet kollha u ghal ta` go fihom. Fosthom il-fond 6, Triq ir-Raghajja, Rabat, li hija d-dar tal-familja u l-hanut tal-mastrudaxxa llum maghruf bhala l-Workshop ; il-garage go Triq San Mikiel, Rabat, li fuqu hemm fond li proprjeta taghhom u mikri lil Carmen Zammit li tigi kugina taghhom ; terran iehor l-isem "Maybee", Triq San Dwardu, ir-Rabat u l-kamra 19, gewwa Santa Katerina, H`Attard, fejn kien joqghod missieru. Il-konvenut nehha hwejjeg missieru minn dik il-kamra.

Fis-17 ta` Marzu 2002, kien ghaddej minn hdejn il-workshop u kien hemm xi nies qeghdin jhabbtu sabiex jidhlu. Meta dahlu mar ihabbat huwa wkoll u fetahlu l-konvenut u dahal ukoll. Dak il-hin l-attur staqsa lill-konvenut sabiex jitla` fil-post ta` fuq, u l-iehor qallu li ma kellux c-cwievet kemm tal-bieb divizorju, jew tal-bieb ta` barra u lanqas c-cwievet tal-garage fi Triq San Mikiel u lanqas dawk tal-post maghruf bhala "Maybee". L-attur qal lill-konvenut sabiex jiltaqghu halli jibdew jaghmlu l-affarijiet bil-kwiet. Il-konvenut wiegeb li kien hemm Nutar qed jghinu u li meta jimmaturaw l-affarijiet javzah. Il-konvenut ma

semmiex min kien in-Nutar. Il-konvenut qatt ma fittxu, u l-attur ma seta` jaghmel xejn ghalkemm il-konvenut kien qed idahhal n-nies fil-postijiet u kien qed jinqeda bil-postijiet. Fil-10 ta` Gunju 2002, l-attur baghat ittra bl-avukat lill-konvenut sabiex jaghtih access ghall-postijiet u sabiex l-interessi tieghu ma jigux ippregudikati. Huwa qatt ma rcieva risposta.

Fis-6 ta` Lulju 2002, l-attur ighid illi kien ghaddej ma` martu minn St. Michael Street, Rabat, u ra li kien hemm id-dawl fil-garage 37. Staghgeb li kien okkupat anke ghaliex il-konvenut qatt ma tah rendikont ta` dak li kien qed isir mill-proprjetajiet tal-genituri tieghu. F`Settembru 2002, ircieva stima tal-proprjetajiet li kien qed jipproponi l-konvenut, u minhabba li kien ra lil xi hadd fil-garage, ma kienx ghogbu li l-perit kien stima dik il-proprjeta bhala *"Property is assumed to be with vacant possession"*, ghaliex jghid li probabilment il-garage kien gie mikri wara li kienet saret l-istima fit-8 ta` Mejju 2002. Fil-15 ta` Jannar 2003, saret laqgha ghand in-Nutar

Minn rendikont li nghata nduna li sad-9 ta` Frar 2002, filwaqt li suppost l-konvenut kellu f`idu s-somma ta` Lm78 mill-gbir tal-kirjiet, dik is-somma ma kenitx issemmiet fil-Liquid Assets Report.

L-attur jixhed illi meta l-konvenut ma kienx irnexxielu jottjeni l-konferma bhala ezekutur, fit-13 ta` Frar 2003, huwa ddepozita Lm223 go kont kurrenti li kien fetah fil-Bank of Valletta bin-nru 40012324284. L-attur ighid li ma kienx jaf b`dak il-kont qabelipprezenta kawza ohra kontra l-konvenut sabiex jinghata access. Minkejja li fil-kont tpoggew flus gejjin mill-wirt, il-konvenut ma fetahx il-kont f`isem il-werrieta.

Ix-xhud jikkwota email li kienet intbaghtet minn huh Edwin lill-konvenut, fejn ighidlu li kien ha ritratt taz-zwieg ta` l-genituri, u li dak ir-ritratt kien qieghed fid-dar tieghu l-lejl stess li kien miet missierhom.

Xehed illi f`Settembru 2002, kien ircieva ittra minghand in-Nutar Pierre Falzon li kienet indirizzata lill-avukat tieghu, fejn filwaqt li rreferih ghal zewg ittri ohra datati 10 ta` Gunju 2002 u 28 ta` Awissu 2002 rispettivament rega` baghtlu lista tal-assi ta` missierhom sabiex din tigi kkonfermata l-Qorti. Kien wara dan li mbaghad saret il-laqgha ghand in-Nutar. Ghal din il-laqgha ma kienx prezenti l-konvenut. In-Nutar urih lista ta` investimenti datata 9 ta` Settembru 2002, li kienet tammonta ghal Lm87,105.67. Qallu li dawn kienu f`isem missieru. L-attur ma qabilx. Saret laqgha ohra ghand in-Nutar fejn l-attur qal lin-Nutar li ma setax jivverifika l-inventarju ghaliex ma kellux access ghall-proprjetajiet. Qal lin-Nutar li ried kopji ta` dokumenti bhal tax returns u statements tal-bank, kopji ta` kuntratti ta` xiri u bejgh u skritturi ta` krejja. Minn dik il-laqgha l-attur ighid li nduna li l-uniku ghan ta` l-konvenut kien li japprofitta ruhu mill-fatt li missierhom kien nnominah bhala ezekutur, u minhabba l-fatt li l-attur huwa eredi ta` ommu izda minghand missieru ghandu biss l-legittima, il-konvenut kien qed jipprova jghid li l-assi ezistenti kienu kollha tal-missier.

Isostni li ghalkemm oppona ghall-inventarju li ghamel il-konvenut, dak l-inventarju xorta gie pprezentat il-Qorti bhala l-inventarju ufficjali tal-assi ta` missieru. Il-konvenut ipprezenta tlett rikorsi sabiex jigi nnominat bhala ezekutur : zewg rikorsi nru. 2607/02 u 259/05 biex jigi nominat bhala ezekutur testamentarju tal-wirt ta` missieru ; u rikors nru. 517/2005 biex nominat bhala ezekutur testamentarju ta` l-wirt tal-omm. Hu ma kienx notifikat bl-atti li kien ipprezenta l-konvenut u kien biss b`kumbinzazzjoni li nduna u ghalhekk oggezzjona ghall-inventarju prezentat. Billi kien hemm l-opposizzjoni tieghu, il-Qorti ma kenitx laqghet t-talba tal-konvenut.

Stqarr illi f`April 2003, il-konvenut ghaddielu pjan ta` divizjoni. Fid-29 ta` Ottobru 2004, il-konvenut ghamel konvenju fejn ipprova jbiegh sehmu mill-wirt, u li fih izda wieghed li jbiegh u jittrasferixxi anke d-drittijiet tal-attur. Minhabba dak l-agir, l-attur kien pprezenta mandat ta` inibizzjoni kontra l-konvenut fi Frar 2005, liema mandat kien milqugh.

Ighid illi talab lil konvenut diversi drabi sabiex ikollu access ghall-propjetajiet. Il-konvenut tah access fl-1 ta` April 2003, meta kienu marru fil-fond "Maybee", Triq San Dwardu, Rabat u fit-3 ta` April 2003, meta marru 6 (Josantden) u l-workshop. Meta dahlu fis-6, kien hemm riha ta` moffa u gheluq.

Il-attur ipprezenta valutazzjoni li saret minn Karl Schranz tad-danni li garrab. Skond dik l-istima, id-dannikienu jammontaw ghal €260,715.

**<u>Il-konvenut</u>** xehed illi l-pretensjonijiet ta` l-attur fil-kawza tal-lum kienu kontinwazzjoni ta` allegazzjonijiet li l-atturi kien diga pprova jaghmel fil-kawzi bin-nru 175/2004 u 926/2005. Bil-proceduri li ha l-attur, is-Sekond`Awla tal-Qorti Civili ma kkonfermatx lill-konvenut fil-hatra ta` ezekutur testamentarju. L-attur ceda l-kawzi. Il-kawza tal-lum hija tentattiv iehor intiz biex iwaqqaf il-process sabiex jigi hu jkun konfermat bhala ezekutur. L-attur kien ghamilha cara mieghu illi sakemm hu jdum haj, kien se jaghmel minn kollox sabiex l-eredi ma jiehdu xejn billi l-attur thalla biss il-legittima.

Il-konvenut xehed dwar l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenut ma kienx izommu nfurmat. Ighid illi kien l-attur stess li kien nqata` ghal kollox minn missierhom wara glied kontinwu. Mal-missier kien jikkomunika biss permess ta` ittri registrati jew atti gudizzjarji. Ladarba l-attur jistqarr li ma kienx jaf f`liema stat kienu l-proprjetajiet meta miet missierhom, il-konvenut jiddubita kemm l-attur seta` jivvaluta danni.

Jixhed illi f`Marzu 2004 huwa pprova jaghmel divizjoni bonarja bil-medjazzjoni tal-Av. Charmaine Galea, li kienet kitbet ittra kemm lill-attur - Dok. JZM 10 - u kemm lil Av. Philip Manduca li kien jirrapprezenta l-interessi

f`Malta ta` huh Edwin. Mal-ittra kien hemm l-pjan ta` divizjoni propost. Dr Manduca kien accetta, waqt li l-attur ma kienx rrisponda. Mhux vera l-allegazzjoni tal-attur li bhala ezekutur testamentarju ried jiehu mid-drittijiet tal-attur. Hu kien offra li jbieghlu sehmu mill-wirt ghas-somma ta` Lm25,500 u jirrinunzja ghall-ezekuterija.

Dwar l-allegazzjoni tal-attur li minhabba l-agir tieghu gew zvalutati l-assi, il-konvenut xehed illi meta kkonsulta esperti fil-qasam tal-bejgh tal-proprjeta, qalulu li l-valur tal-proprjeta f`Malta ziedet bejn 15% u 25% matul l-ahhar ghaxar snin, u ghalhekk hija nfondata l-allegazzjoni tal-attur li kien hemm zvalutazzjoni.

Rigward l-assi monetarji, il-konvenut xehed illi dawn ghadhom investiti fil-Borza ta` Malta ezatt kif kien hallihom missierhom. L-investiment baqghu jiggeneraw l-imghax, li ghalhekk zied mal-massa ereditarja. Sa` Mejju 2008, l-imghax akkumulat kien ta` madwar €156,000.

Dwar l-allegazzjoni tal-attur li kien hemm negligenza da parti tieghu, il-konvenut fisser illi qabel miet missieru kien diga ghamel kuntatt man-Nutar Pierre Falzon sabiex jibda johodlu hsieb kull ma jkun mehtieg. Wara li miet missieru, il-konvenut ghamel kuntatt man-Nutar u qallu li kien kkunsinna lura l-karta tal-identita u li kellu c-certifikat tal-mewt. Fit-2 ta` April 2002, mar ghandu Victor Zammit sabiex ihallsu l-kera ta` Lm8, li kienet l-kera ta` xahar ghal garage fi Triq San Mikiel, Rabat, liema garage kien inkera minn missierhom. Accetta l-pagament u tah ricevuta. Taht il-firma kiteb li kien qed jircievi l-flus f`isem il-werrieta kollha ta` Joseph Micallef Inguanez. Dawn il-flus kienu jigu ddepozitata f`kont li kien fetah apposta fil-Bank of Valletta plc, bl-isem *Inguanez*, ghaliex il-Bank ma kienx tah permess jiftah kont f`isem il-werrieta. Dettalji ta` dan l-kont bankarju nghataw kemm il-darba lill-attur.

Xahrejn wara l-mewt ta` missierhom, fuq direzzjoni tan-Nutar, il-konvenut inkarika lill-Perit Wallace Farrugia biex jistma l-immobbli. Sitt xhur wara l-mewt ta` missierhom, ipprepara l-inventarju. Fit-23 ta` Settembru 2002, in-Nutar talbu sabiex jibaghtlu statement tal-investimenti u tal-kontijiet bankarji.

Il-konvenut stqarr illi fis-26 ta` Novembru 2002, huwa pprezentat l-ewwel rikors sabiex jigi kkonfermat bhala ezekutur testamentarju (rikors nru. 2607/02). Intalab sabiex jipprezenta inventarju. Fil-11 ta` Dicembru 2002, ircieva protest gudizzjarju mill-attur. Fid-9 ta` Jannar 2003, kienet ordnata l-pubblikazzjoni tal-inventarju li kellha ssir fl-ufficcju tan-Nutar Falzon fis-27 ta` Marzu 2003. Fl-24 ta` April 2003, l-attur ipprezenta rikors fejn attakka l-inventarju, u minhabba dik il-kontestazzjoni, il-Qorti ma kkonfermatx lill-konvenut fil-hatra ta` ezekutur testamentarju.

Il-konvenut xehed illi waqt li kienet ghaddejja l-ewwel kawza, u cioe Citaz Nru 175/2004, huwa beda proceduri biex jigi kkonfermat bhala ezekutur tal-wirt ta` ommu. Malli l-Qorti ddekretat li ssir il-pubblikazzjoni tal-inventarju, l-attur rega` pprezenta rikors fejn ilmenta li n-Nutar Falzon ma kienx innotifikah bid-data tal-publikazzjoni. Minhabba dik il-kontestazzjoni, il-pubblikazzjoni kienet sospiza sal-ezitu tal-proceduri li kienu gew istitwiti mill-attur. Fl-10 ta` Ottobru 2005, saret il-publikazzjoni tal-inventarju ta` l-wirt ta` ommu, fil-prezenza tan-Nutar Falzon, l-attur u l-avukat tieghu. Wara gimghatejn, l-attur ipprezenta kawza ohra kontra tieghu, Citaz. Nru 926/2005, sabiex jerga` jipprova jwaqqaf id-divizjoni.

Wara li l-attur ceda z-zewg kawzi, il-konvenut talab l-assistenza tal-Av. Duncan Borg Myatt u tan-Nutar Maria Briffa sabiex jassistuh mill-gdid biex jerga` jipprova jaghmel d-divizjoni. Dak kien it-tielet tentattiv. Fil-fatt ipprezenta rikors numru 720/2007, fejn rega` talab sabiex jigi konfermat bhala ezekutur testamentarju tal-wirt tal-genituri. L-attur rega` rregistra opposizzjoni. Ha z-zmien biex ilesti l-inventarju ghaliex l-informazzjoni li talab mill-Borza ta` Malta damet biex waslet, u meta waslet ma kenitx korretta

ghaliex thallew barra l-interessi akkumulati u l-investimenti li kienu mmaturaw. L-statement it-tajjeb hareg fid-19 ta` Gunju 2008.

Il-konvenut sostna li fil-frattemp huwa ma kienx jaf illi l-attur kien ntavola il-kawza prezenti. Sabiex ma jergax jirrinfaccja l-ostakoli tal-attur, il-konvenut ta struzzjonijiet lill-avukat tieghu sabiex jibaghat l-inventarju lill-attur qabel issir il-pubblikazzjoni – Dok. JZM 26. Fir-risposta tieghu, l-attur, minflok ma ssenjala dawk il-hwejjeg li setghu kienu nieqsin, rega` rrepeta l-allegazzjonijiet tieghu u ddikjara li kien se jerga` jimpunja l-inventarju. Minkejja dik ir-risposta, il-konvenut xorta wahda rega` baghat ittra ohra lill-attur fejn rega stiednu sabiex jghidlu ma` liema punti tal-inventarju hu ma jaqblix – Dok. JZM 28. Ghal din it-tieni ittra ma kienx hemm twegiba. Kien imbaghad fit-8 ta` Jannar 2009 illi x-xhud jghid li sar jaf bil-kawza tal-lum wara l-affissjoni li saret mad-dar tieghu.

Dwar il-pretensjoni tal-attur li saret amministrazzjoni abbuziva tal-assi, il-konvenut xehed illi l-atti ta` amministrazzjoni li huwa ghamel wara l-mewt ta` missieru kienu limitati ghal minimu possibli skond il-ligi billi ma kienx ghad hemm il-konferma tal-qorti tan-nomina tieghu bhala ezekutur testamentarju. Ippreciza li l-atti li ghamel hu kienu erbgha (4) –

1) L-ewwelnett, ezattament wara li miet missieru, kien gie mitlub mis-Sorijiet ta` Santa Katerina sabiex inehhi l-affarijiet personali ta` missieru mill-kamra fejn kien qieghed. U hekk ghamel. Qieghed kollox go kaxxex u qabbad ditta tat-trasport sabiex igorr kollox. Ha l-affarijiet go mahzen li huwa parti mill-massa ereditarja. L-affarijiet ghadhom fil-mahzen ghalkemm jidher li kien hemm minn ipprova jiftah ftit minn dawn il-kaxxi. L-unici persuni li ghandhom c-cwievet tal-mahzen huma hu u l-attur.

2) It-tieni nett, flat u garage li huma parti mill-massa ereditarja kienu mikrija lil terzi, u dan minn zmien qabel ma` miet missieru. Kienu mikrija lil certa Carmen Zammit, li tigi prima kugina taghhom, u li hadet hsieb missierhom wara l-mewt ta` ommhom. Kienet thallas kera ta` Lm60 ghall-flat u Lm8 fix-xahar ghall-garage. Skond parir legali li kellu, huwa kellu l-obbligu li jircievi l-kera. Qal li l-kirja tal-garage kienet twaqqfet wara talba specifika tal-attur. Il-hlasijiet imorru fil-kont *Inguanez* li kien fetah il-Bank of Valletta. L-attur kien jaf b`dak il-kont.

3) It-tielet att ta` amministrazzjoni kien li organizza l-funeral ta` missieru.

4) Ir-raba att ta` amministrazzjoni kien illi meta kien jigi nfurmat minn Carmen Zammit li kien ikun hemm problem fil-katusi tad-drenagg ghaliex kienu msaddin, kien jiehu hsieb jirrimedja.

Kompla jixhed illi skond id-denunzja tas-successjoni tal-omm, jirrizulta li s-sehem taghha kien jammonta ghal Lm10,538.54 u ghalhekk kull wiehed mit-tliet eredi taghha kellu jippercepixxi Lm2,634. Billi l-missier kellu l-uzufrutt, il-wirt tal-omm ma nqasamx. Skond il-konvenut, l-attur hadha kontra l-missier ghaliex zamm l-uzufrutt. Il-missier baqa` jamministra l-proprjetajiet kollha sakemm miet fl-eta` ta` kwazi disghin sena. Kien meta missieru wasal f`dik l-eta` li halla li l-proprjeta` tiddeterjora anke ghaliex ma hassx li seta` jonfoq flus ghall-manutensjoni. Il-bini tar-Rabat huwa soggett ghal cens u ghalhekk missierhom dejjem haseb li jkun aktar ghaqli illi dawn jinbieghu qabel ma jaghlaq ic-cens, ghaliex kien hemm possibilita` li l-valur jonqos kull gurnata li tghaddi. Missierhom kien ipprova kemm –il darba jghid lill-attur li l-ispiza sabiex imantni dawk il-postijiet kien ta` piz kbir ghalih una volta kien rikoverat Santa Katerina. Inoltre missierhom ma setax jghix decentement ghaliex kellu pensjoni ta` Lm216 fix-xahar, u dejjem xtaq li dik il-pensjoni tkun supplimentata mill-interessi li setghu jigu ggenerati bir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta. L-attur izda dejjem oppona l-bejgh, waqt illi hu u huhom l-iehor Edwin kienu jaqblu ma` missierhom li jsir il-bejgh.

Stqarr illi meta missierhom ghalaq tmenin sena, halla d-dar matrimonjali u mar d-dar tal-anzjani ta` Santa Katerina. Missieru kien xtaq ibiegh zewgt ikmamar li kellu San Pawl tal-Bahar, izda anke hawn kien hemm l-opposizzjoni tal-attur. L-attur accetta biss li jsir il-bejgh meta missierhom kien accetta l-kundizzjoni tal-attur illi sehem l-attur, jigifieri Lm1,625, jigi depozitat go kont f`isem l-attur – ara Dok JZM1. Kull darba li l-attur kien imur jara lil missierhom Santa Katerina, kien ikun hemm hafna ghajjat u tilwim. L-attur dejjem kien ikellmu dwar wirt, testmenti u l-mewt tieghu. Missierhom kien fil-fatt qal lill-attur biex ma jmurx jarah aktar wara xenata partikolari l-attur qallu - *"Li ghandek int ghalija hu tahmil tas-smien … u meta jigi l-waqt, jiena lest naqta` mniehri biex ninki l-wicci."* Dan il-kliem irrepetieh il-missier fit-testment tieghu.

Il-konvenut kompla jghid illi wara li l-attur ceda z-zewg kawzi, ipprova jirrikoncilja mieghu. Il-konvenut stieden lill-attur id-dar fil-11 ta` Novembru 2006. L-ewwel haga li ghamel l-konvenut kien li ta lill-attur kopja tac-cwievet kollha li kellu tal-proprjetajiet u anke cwievet tal-iskrivanija ta` missierhom u t-tieni pprepara dokument li fih iddikjara li bi qbil tal-eredi, kienu lesti li jinjoraw l-provvediment tal-legittima u kienu lesti li jaqsmu l-eredita f`ishma indaqs – Dok. JZM16. F`dan id-dokument, il-konvenut kien qal ukoll li kien lest jaghti lill-attur il-fakolta li jinnegozja hu l-bejgh tal-propjeta`. Meta ra dak id-dokument, l-attur ghal ewwel baqa` mistaghgeb. Kollox sfaxxa pero` meta huh l-iehor Edwin irrifjuta li jkun hemm bdil minn dak li halla l-missier fit-testment tieghu.

Il-konvenut kompla jixhed illi wara li ghaddew tlett xhur minn dik il-laqgha waqt spezzjoni li hu ghamel fil-proprjetajiet, sab li kienu nieqsa zewg imfietah li kienu jifthu l-bieb ta` barra ta` garage zghir, li qieghed fi Triq San Mikiel, Rabat. Dawn fil-fatt kien hadhom l-attur, kif stqarr mieghu meta cempillu. Wara ftit zmien, il-konvenut induna li fil-garage li dejjem kien vojt kien hemm karrozza – Dok. JZM 18. Il-konvenut sar jaf li dik il-karozza kienet tar-ragel tat-tifla tal-attur. Dan tal-ahhar gie mwissi sabiex inehhi l-karozza. Izda din baqghet hemm u ghalhekk kienet saret kwerela – Dok. JZM 19. Fil-frattemp cempillu l-attur u qallu li l-karozza tieghu u li kelluu dritt jpoggiha

hemm bhala wiehed mill-werrieta. Il-vettura tnehhiet wara l-intervent tal-pulizija..

**L-Av. Duncan Borg Myatt** kien muri Dok JZM 20. Xehed illi dak kien rikors li kien ipprezenta ghan-nom tal-konvenut. Fix-xiehda tieghu, ikkonferma l-kontenut ta` ghadd ta` dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat :**

**III. Sottomissjonijiet**

**i) Tal-konvenut**

Il-konvenut isostni illi huwa kien ostakolat diversi drabi mill-attur milli jkompli bil-proceduri sabiex jigi konfermat mill-qorti fil-hatra ta` ezekutur testamentarju tal-wirt tal-ġenituri tal-partijiet. Fil-fatt qatt ma kien konfermat u ghalhekk jistax jinzamm responsabbli skond l-Art 1032(2) tal-Kap 16. Dak li ghamel il-konvenut hu dak li jigri ssoltu meta wiehed jipprocedi bil-proceduri ta` wirt, jigifieri li jistenna l-hrug ta` certifikat tal-mewt u jordna r-ricerki testamentarji. Dwar il-pretensjoni tal-attur li l-konvenut ghandu jhallas danni kkagunati bl-amministrazzjoni tal-assi ereditarji tal-genituri, effettivament l-konvenut qatt ma amministra. Il-konvenut jaghmel sottomissjonijiet dwar l-accertament u d-divizjoni tal-massa ereditarja li din il-Qorti mhijiex sejra tikkonsidra.

**ii) <u>Tal-attur</u>**

L-attur isostni li bl-ammissjoni tieghu stess il-konvenut jaccetta illi ghamel xoghol bla waqfien matul l-ahhar ghaxar snin sabiex iwettaq ix-xewqat testamentarji tal-genituri. Qabel il-konferma tieghu bhala ezekutur testamentarju - haga li qatt ma sehhet - huwa ma setax jamministra l-wirt skond l-Art 765 tal-Kap 16.

L-attur jikkontendi illi l-konvenut ma wegibx ghall-allegazzjonijiet li kien ikkaguna dewmien minhabba metodi mhux korretti fejn ma nkludiex assi fl-inventarju. Il-konvenut isostni li d-dewmien kien ikkawzat mill-attur. Skond l-attur, huwa kien kostrett jirrikorri darbtejn biex jirrileva l-inesattezzi tal-konvenut. Skond l-attur, dak illi l-konvenut ma kienx qieghed ighid huwa li kieku kien preciz, korrett u diligenti fl-agir tieghu ma kienx ikun hemm il-htiega li hu jiehu azzjoni kontra l-konvenut. Skond l-attur, il-konvenut ma kienx wiegeb ghall-allegazzjonijiet dwar dewmien fl-ghoti tal-pussess tal-immobbli komuni jew dwar il-fatt li ma gewx ritirati jew ddepozitati r-redenzjonijiet u dividendi f`kont kongunt sabiex jirrendu imghaxijiet, jew li zbanka u qasam flus depozitati fil-Bank of Valletta qabel ma sehhet l-likwidazzjoni u qasma tal-assi. Dwar id-danni l-attur jaghmel referenza ghar-rapport ta` Karl Schranz.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

Dwar ir-raba` eccezzjoni, il-Qorti tirrileva illi ghalkemm jista` jkun illi fil-kawza tal-lum l-attur avvanza l-istess pretensjonijiet li kien ressaq f`zewg kawzi precedenti - li mbaghad ceda – dak mhuwiex pregudizzjali li johloq ostakolu

legali biex timxi l-istanza tal-lum. Ma hemm l-ebda kwistjoni ta` *res judicata.* Ladarba l-kawzi citati fir-raba` eccezzjoni ma kienux decizi, ma tista` tinsorgi l-ebda kwistjoni ta` *res judicata* ghaliex jonqos ir-rekwizit ta` l-*eadem causa petendi*, u cioe` li l-kawzali ta` l-kawza tal-lum tkun fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi ta` talba precedenti, li tkun giet determinata b`sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Ghalhekk ir-raba` eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Dwar <u>il-mertu</u> tat-talbiet attrici, u dwar l-eccezzjonijiet <u>l-ohra</u> li gab il-konvenut sabiex jikkontesta dawk it-talbiet, il-Qorti tirrileva illi l-pretensjoni tal-attur hija li ghalkemm il-konvenut qatt ma kien formalment ikkonfermat bhala ezekuttur testamentarju, huwa xorta wahda – abbusivament u illegalment – amministra l-wirt tal-genituri tieghu. Ghal dik il-pretensjoni, il-konvenut wiegeb billi sostna li huwa ghamel biss l-minimu previst mill-Art 769 tal-Kap 16 u li l-process tal-ezekutarija kien ostakolat bl-agir tal-attur innifsu.

L-<u>**Art 765 tal-Kap 16**</u> jaqra hekk –

*L-esekutur testamentarju ma jistax jindahal fl-amministrazzjoni ta` l-assi qabel ma jigi mwettaq mill-qorti ta` gurisdizzjoni volontarja tal-gzira li fiha t-testatur kien joqghod fiz- zmien tal-mewt tieghu.*

L-<u>**Art 769 tal-Kap 16**</u> ighid hekk –

*L-esekutur jista`, fi zmien il-procedura ghat-twettiq tieghu jaghmel dawk l-atti li ma jistghux mingħajr ħsara jigu mdewma, u jista` jagħmel dak li hu meħtieg sabiex l-assi jigi kkonservat.*

Fis-sentenza taghha tal-15 ta` Mejju 1984 fil-kawza "**<u>Francis Xavier Azzopardi pro et noe vs Kathleen Azzopardi et</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/CS</u>**) qalet hekk –

*"Illi qabel ma jigu ezaminati l-gravami avvanzati mill-atturi, huwa spedjenti li in tema legali jigu rrilevati l-punti li gejjin. L-Artikolu 803 (765) jghid espressament li "it shall not be lawful for any testamentary executor to intermeddle with the administration of the estate before he is confirmed by the Court of Voltuntary jurisdiction of the Island in which the testator resided at the time of his death" hlief fil-kazijiet prospettati fil-artikolu 807 riferibbilment ghal "such acts as cannot without prejudice be delayed", u li jawtorizza lill-esekutur li fi zmien il-procedura ghall-konferma tieghu tkun ghadha miexja, li jiehu dawk il-mizuri "as are necessary for the preservation of the estate";*

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Gunju 1957 fil-kawza "**<u>Contessa Maria Teresa Apap Bologna Gatto vs Avukat Dr. Joseph Reynaud et noe</u>**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*"huwa dmir u obbligu ta` l-esekuturi li jesegwixxu t-testment ; u fl-esekuzzjoni ta` dan l-inkarigu taghhom huma ghandhom l-obbligu bhala mandatarji, li juzaw d-debita diligenza ; u ma jistghux jitnikkru u jiddawru bla bzonn biex jillikwidaw il-pendenza ta` l-esekuzzjoni tat-testment."*

Principalment fil-kawza tal-lum, l-attur qieghed jallega li da parti tal-konvenut, kien hemm amministrazzjoni hazina tal-assi ereditarji, u jghid dan ghaliex skond l-attur, mill-mewt ta` missieru sa erbgha snin u nofs wara, il-konvenut ma kien tah accesss ghall-bini formanti parti mill-wirt, halla nies f`dawk l-immobbli, kera garage fl-2002, mill-istimi li ghamel halla barra Lm78 mill-gbir ta` kirjiet, u li b`assi tal-wirt fetah kont bankarju f`ismu flok f`isem l-eredi. Ghal aktar dettalji, il-Qorti taghmel riferenza ghar-<u>riassunt</u> tal-provi (*vide ante*). Limitatament dwar l-access ghall-propjetajiet - dan ghall-fini tal-accertament tal-kredibilita` tal-versjonijiet – jigi notat illi skond l-attur, il-konvenut tah access fl-1 ta` April 2003 ; jekk allura hekk kien il-kaz l-attur ta verzjoni kontradittorja rilevanti meta biex jakkuza lill-konvenut b`inadempjenza

sostna li l-konvenut tah access mhux qabel erba` snin u nofs mill-mewt tal-missier. Ladarba l-missier miet fit-2 ta` Marzu 2002, u l-access inghata fl-1 ta` April 2003, ifisser li l-konvenut ta access lill-attur sena u xahar wara l-mewt tal-missier, mhux erba` snin u nofs wara kif halef li gara l-attur.

Il-Qorti tinnota li l-konvenut mhuwiex kontradett meta jghid illi huwa baghat pjan ta` divizjoni lill-attur. Dan huwa fatt konfermat minn Dok JZM16. Jirrizulta li l-konvenut kien lest li jirrinunzja ghal drittijiet li kellu skond it-testment bil-ghan li jiffinalizza d-divizjoni. Jirrizulta li l-investimenti li kellu l-missier kienu ghadhom investiti u jrendu mghax.

Il-Qorti qieset l-elenku ta` atti ta` amministrazzjoni li l-konvenut isostni li ezercita (ara *ante* r-riassunt tal-provi). Il-Qorti hija tal-fehma dawn l-atti partikolari jinkwadraw ruhhom fl-ambitu tal-Art 769 tal-Kap 16 u kwindi l-konvenut ma ghandux jigi censurat dwarhom.

Il-Qorti hadet kont tal-affermazzjoni tal-konvenut meta jghid illi x`hin kien lesta l-ahhar inventarju huwa baghtu lill-attur u stiednu jarah biex jekk kellhom isiru xi arrangamenti jkun jista` jghidlu – dan huwa kkonfermat mill-ittri ezebiti Dok JZM 26 u Dok JZM 28. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghax-xiehda tal-konvenut dwar il-laqgha tal-11 ta` Novembru 2006 (ara *ante* r-riassunt tal-provi). Kontra din id-disponibbilita` kollha tal-konvenut, il-Qorti kkostatat l-incident tal-vettura tal-attur jew ta` familjari tieghu li tpoggiet go garage komuni ad insaputa tal-konvenut u tal-eredi l-iehor (ara dettalji fir-riassunt tal-provi *ante*).

Il-Qorti kkostatat bhala fatt accertat illi l-konvenut qatt ma kien konfermat bhala ezekutur testamentarju. Jidher li dan gara minhabba l-opposizzjoni tal-attur. Dan huwa fatt iehor li jirrizulta car mit-tlett rikorsi li pprezenta l-konvenut sabiex jigi kkonfermat bhala ezekutur testamentarju u r-

rikorsi li pprezenta l-attur fejn irregistra l-opposizzjoni tieghu. Minhabba dan l-istat ta` fatt, il-konvenut ma setax jespleta dawk l-atti ta` amministrazzjoni li solitament isiru mill-ezekuturi. Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, il-Qorti tghid illi bl-atti li ghamel il-konvenut ma ghamel xejn straordinarju. Anzi kollha kemm huma kienu atti ta` xejra ordinarja. Fil-kondotta ppruvata tal-konvenut, il-Qorti ma ssib l-ebda wahda mill-impronti li l-attur pprova jwahhal fuq il-konvenut u dan b`riferenza ghall-kwalifiki uzati mill-attur : "illegali, negligenti, imprudenti, skorrett u qarrieq".

Il-Qorti tghid illi l-verzjoni attrici ma taghtix affidament. U dan mhux semplicement ghaliex hemm kuntrast fil-verzjonijiet taz-zewgt ahwa kontendenti. Izda ghaliex fl-assjem din il-Qorti hija konvinta li ghandha taghti aktar kredibilita` lix-xiehda tal-konvenut - essenzjalment ghal zewg ragunijiet.

<u>L-ewwelnett</u> : mid-dokumentazzjoni pprezentata mill-konvenut huwa car li huwa pprova jaghmel minn kollox sabiex ma jkunx hemm konfrontazzjoni ma` l-attur. Dan in partikolari jidher mill-ftehim bonarju li ppproponilu, fejn kien lest sahansitra illi jcedi drittijiet akkwiziti, u jaghti lill-attur sehem indaqs mill-wirt tal-missier bhala iben l-istess missier minn tliet ahwa. Akkorda l-konvenut lill-attur opzjoni li qatt ma kellu u cioe` illi jipproponi hu l-bejgh tal-immobbli.

<u>It-tieni raguni</u> : il-Qorti ma tistax tibqa` ghaddejja qisu qatt ma kien xejn minn fuq il-kliem li ddikjara l-missier fl-ahhar testment tieghu. <u>Dawk il-kliem kienu l-ahhar rieda u motivazzjoni tal-missier</u>. Missier l-partijiet ghamel zewg testmenti, barra t-testment *unica charta* u wiehed addizzjonali u fit-testmenti li ghamel huwa dejjem nnomina lill-konvenut bhala ezekutur testamentarju. Fil-ewwel testament tieghu datat 27 ta` Settembru 1994, fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat (fol. 197 et seq) id-disa` artikolu jinghad hekk –

*"Billi iben it-testatur, Carmel sive Charles Micallef, sa minn dejjem kien jiddeletta u jattiva dawk il-poteri li tghatih il-ligi, akkost li lit-testatur igghelu jbati bla bzonn, specjalment wara l-mewt tal-mara tat-testatur, u billi dan*

*iddikjara u esklama mal-istess testatur li huwa kien lest biex meta jigi l-waqt jaqta mniehru biex jinki lil wiccu, u fil-fatt hekk ghamel hafna drabi, ghaldaqstant it-testatur qed ihallilu mhux aktar mill-legittima kompetenti lilu bil-ligi."*

Dik l-istess disposizzjoni kienet riaffermata fit-testment successiv tat-testatur fl-Atti tan-Nutar Joseph Brincat tas-26 ta` Gunju 1997 – fol. 200 et seq.

**Din il-Qorti taghti affidament qawwi ghal dak dikjarat *per iscritto* mit-testatur fit-testmenti tieghu. Fi kliem it-testatur, il-Qorti ma tirriskontrax "imrar" (*bitterness*) da parti tieghu fil-konfront tal-attur izda kostatazzjoni ta` mgieba avversa u ostili ghall-ahhar da parti ta` iben fil-konfront ta` missier. Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li l-attur ma messu qatt wassal jew iferrex din l-ostilita` tieghu sahansitra fil-konfront taz-zewg hutu nkluz il-konvenut. Fil-fehma ta` din il-Qorti ma kienx ippruvat mill-attur sal-grad rikjest mil-ligi (kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt) dak kollu li l-attur qieghed jaddebita fil-konfront tal-konvenut. Billi l-Qorti mhijiex sejra takkolji l-ewwel talba attrici, sejra tichad ukoll iz-zewg talbiet l-ohra attrici billi dawn huma talbiet konsegwenzjali ghall-ewwel wahda.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi qeghda tichad ir-raba` eccezzjoni, qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra, qeghda ghalhekk tichad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------